A fee of Lm15 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. 2/06. Contracts' Manager - street sweeping.

A fee of Lm5 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. 3/06. Traffic analysis surveyor.

A fee of Lm15 is to be paid for each copy of tender document.

The tender documents may be obtained from the Local Council's Administrative Office, Umberto Calosso Complex, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, during office hours against the fee indicated above.

The Council reserves the right to reject even the most advantageous offer.

6th June, 2006

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

964

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Mejju 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali 732/06, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Daniel Chircop (ID Numru 327799M) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 8 ta' Frar 2006

Lil Daniel Chircop
ID 32779(M)

Bil-preżenti s-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. tinterpellak sabiex fi żmien jumejn inti tħallas is-somma ta' tlett elef, mija u wieħed Liri Maltin u tnejn u għoxrin ċenteżmu (Lm3,101.22) bilanċ għad-debitu fil-'Motor Loan Account' tiegħek mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mis-17 ta' Novembru 2005, sad-data tal-pagament effettiv.

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 10th May 2006, in the records of the judicial letter number 732/06, in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Daniel Chircop (ID number 327799M) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the Court of Magistrates (Malta), today 8th February 2006

To Daniel Chircop
ID 32779(M)

By the present the company Bank of Valletta p.l.c. calls upon you so that within two days you pay the sum of three thousand, one hundred and one Maltese Liri and twenty two cents (Lm3,101.22) balance of debt in your 'Motor Loan Account' with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interests from the 17th November 2005 till the date of effective payment.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk inti tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skond il-liġi.

Soċjetà Mittenti: Bank of Valletta p.l.c.
173, St. Christopher Street, Valletta.

Intimat: Daniel Chircop
20, Triq Inverness, Paola.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 1 ta' Ġunju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Interpellant company: Bank of Valletta p.l.c.
173, St. Christopher Street, Valletta.

Respondent: Daniel Chircop
20, Inverness Street, Paola.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 1st June 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

965

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Mejju 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali 480/06, fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs La Mexicana Bar & Restaurant, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 26 ta' Jannar 2006

Lil La Mexicana Bar & Restaurant (C 33044)

Bil-preżenti s-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. tinterpellak sabiex fi żmien jumejn inti thallas is-somma ta' sitt mija u tlieta u disgħin Liri Maltin u wieħed u ħamsin ċenteżmu (Lm693.51) bilanċ għad-debitu fil-'Credit Card Loan Account' tiegħek mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mill-20 ta' Ottubru 2005, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skond il-liġi.

Soċjetà mittenti: Bank of Valletta p.l.c.
173, St. Christopher Street, Valletta.

Soċjetà intimata: La Mexicana Bar & Restaurant
Triq il-Ġifen, San Pawl il-Baħar.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 1 ta' Ġunju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 12th May 2006, in the records of the judicial letter 480/06, in the names Bank of Valletta plc vs La Mexicana Bar & Restaurant ordered the following publication for the of service of the respondent in terms of Article 187 (3) of Chapter 12.

In the Court of Magistrates (Malta), today 26th January 2006

To La Mexicana Bar & Restaurant (C 33044)

By the present the company Bank of Valletta p.l.c. calls upon you so that within two days you pay the sum of six hundred and ninety three Maltese Liri and fifty one cents (Lm693.51) balance of debt in your 'Credit Card Loan Account' with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interest from the 20th October 2005, till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Interpellant company: Bank of Valletta p.l.c.
173, St. Christopher Street, Valletta.

Respondent company: La Mexicana Bar & Restaurant
Ġifen Street, Saint Paul's Bay.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 1st June 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

966

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b' rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fl-24 ta' Mejju 2006, rikors Nru 357/2006, minn l-Avukat Dottor David W Grech nomine, fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur Oscar u Douglas, aħwa Tayar, aħwa tad-decujus u dan fi kwota ta' kwinta parti (1/5) indiviża kull wieħed minnhom; favur Judith Weiss, bint il-mejta Juliette Tayar u dan fi kwota ta' kwinta parti (1/5) indiviża; favur Susan u Patricia aħwa Tayar ulied il-mejta Lilla Tayar fi kwota ta' deċimal parti (1/10) indiviża kull waħda; u favur Joseph Attias, Lillian, divorzjata minn Elie Yves Youness u Robert Attias, ulied il-mejta Yolanda née Tayar u dan fi kwota ta' parti waħda minn ħmistax-il parti (1/15) indiviża kull wieħed u waħda minnhom; is-SUĊĊESSJONI ta' Margot Tayar, xebba, bint il-mejtin Abriamo Tayar u Rachele née Israel, imwielda Valletta, kienet residenti Firenze, l-Italja, fejn mietet fis-26 ta' Novembru 2005, ta' 91 sena u li kellha karta ta' l-identità Nru 143314(M) u li mietet bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 2 ta' Ġunju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 24th May 2006, application number 357/2006, by Advocate Dr. David W Grech nomine, whereby he asked that it be declared open in favour of Oscar and Douglas, brothers Tayar, brothers of the decujus, and this in the quota of one-fifth undivided share in favour of each one of them, in favour of Judith Weiss, daughter of the late Juliette Tayar and this in the quota of one-fifth undivided share; in favour of Susan and Patricia sisters Tayar, children of the late Lilla Tayar in the quota of one-tenth undivided share (1/10) in favour of each one of them, in favour of Joseph Attias, Lillian, divorced from Elie Yves Youness and Robert Attias, children of the late Yolanda née Tayar and this in the quota of one-fifteenth undivided share in favour of each one of themġ the SUCCESSION of Margot Tayar, unmarried, daughter of the late Abriamo Tayar and Rachele née Israel, born in Valletta, resident in Florence, Italy, where she died on the 26th November 2005, aged 91, intestate and who had identity card number 143314(M) and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap.12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 2nd June 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

967

Ikun jaf kulħadd illi dan l-Avviż għandhu isservi bħala pubblikazzjoni, a termini ta' l-Artikolu 495(A) (3) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, in konnessjoni mar-Rikors numru 990/05 FS, fl-ismijiet Gino Ellul vs Dr. Anthony Cutajar et noe.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-17 ta' Ottubru 2005, fl-ismijiet Gino Ellul (ID Nru. 424835M) vs Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b'digriet tal-25 ta' Jannar 2006, ġew nominati, Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw lill-assenti Carmela Cassar u l-eredi tal-mejjet John Cassar, u Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b'digriet tal-10 ta' April 2006, ġew nominati Kuraturi Deputati biex jirrapreżentaw l-eredi tal-mejjet John Cassar, ir-rikorrenti Gino Ellul (ID Numru 424835(M) qua kompropjetarju, ippreżentat, bis-saħħa ta' l-Artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jesponi bir-rispett;

Illi l-esponent huwa kompropjetarju tal-blokk bin-numru 277 magħruf bl-isem ta' 'Victoria Flats', fi Triq Two Gates, Senglea;

It is hereby notified that this Notice should serve as a publication in terms of Article 495A (3) of Chapter 16 of the Laws of Malta, in connection with the Application number 990/05 FS, in the names Gino Ellul vs Dr. Anthony Cutajar et noe.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, on the 17th October 2005, in the names Gino Ellul (ID Number 424835M) vs Dr. Anthony Cutajar and Legal Procurator Hilda Ellul Mercer who by decree of the 25th January 2006, were appointed Deputy Curators to represent the absent Carmela Cassar and the heirs of the late John Cassar and Dr. Renzo Porsella Flores and Legal Procurator Hilda Ellul Mercer who by decree of the 10th April 2006 were appointed Deputy Curators to represent the heirs of the late John Cassar, the applicant Gino Ellul, (ID Number 424835M) qua co-owner, filed in virtue of Article 495(A) of Chapter 16 of the Laws of Malta pleads with respect;

That the applicant is a co-owner of the block bearing number 277 known as 'Victoria Flats' in Two Gates Street, Senglea;

Illi fil-fatt l-esponent għandu tnax minn erbatax-il ishma (12/14) fl-istess proprjetà. Dan l-ishma jirriżultaw mill-affidavit hawn anness u mmarkat bħala Dok 'GE1' kif ukoll mill-kopji tan-noti ta' insinwi li jirreferu għall-akkwist ta' dan l-ishma ta' l-istess esponenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'GE2' a 'GE6'.

Illi l-esponent jixtieq ibiegħu jitrasferixxi l-fond surreferit lil Patrick Filletti (ID Nru. 370551M) u l-istess esponent huwa sodisfatt bil-kundizzjonijiet kollha tal-bejgħ. Abbozz ta' l-Att finali bil-kundizzjonijiet kollha tal-bejgħ huwa hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'GE7'.

Illi l-esponent ilu fi stat ta' komproprjetà ma sidien oħra għal aktar minn għaxar snin.

Illi l-esponent ipprova jagħmel kuntatt maż-żewġ komproprjetarji l-oħra li t-tnejn għandhom sehem ta' wieħed f'erbatax (1/14) kull wieħed, iżda l-esponent ma setgħax jintraċċja l-istess komproprjetarji. Dan il-fatt hu wkoll ikkonfermat bil-ġurament ta' l-istess esponent fl-affidavit hawn anness;

Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha;

1. Tiddikjara illi hemm raġunijiet biżżejjed sabiex tinħareġ ordni għall-bejgħ ta' l-istess proprjetà u dan ai termini ta' l-Artikolu 495 A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna l-bejgħ tal-proprjetà de quo taħt l-istess kundizzjonijiet elenkati fl-Abbozz ta' l-Att Finali hawn annness (Dok. 'GE7'), inkluż il-prezz.

3. Tiffisa d-data, ħin u lok għal dan il-bejgħ;

4. Tawtorizza lin-Nutar Roland Wadge jippubblika l-Att Finali jew fin-nuqqas Nutar Pubbliku ieħor maħtur minn din l-Onorabbli Qorti;

5. Tappunta lill-esponent bħala Kuratur għaż-żewġ kompropjetarji li fadal jew alternattivament taħtar Kuratur ieħor għall-istess komproprejtarji;

6. Tordna u tawtorizza lill-istess Kuratur sabiex jidher f'isem il-komproprjetarji l-oħra fuq l-Att finali ta' bejgħ,

u dan taħt kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Notifika: Rikorrent: Gino Ellul
77, Cospicua Road, Paola.

Notifika: Kuraturi Deputati, (Assenti Carmela Cassar), Dr. Anthony Cutajar LL.D., Il-Qorti , Valletta u Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer, il-Qorti, Valletta.

That in fact the applicant has twelve-fourteenths (12ċ14) of the same property. These shares result from an affidavit hereby attached and marked as Doc 'GE1' as well as from copies of notes of enrolment which refer to the acquisition of these shares of the applicant hereby attached and marked as Doc. 'GE2' to 'GE6'.

That the applicant wishes to sell and transfer the above mentioned premises to Patrick Filletti (ID Number 370551M) and the same applicant is satisfied with the conditions of sale. A final draft with all the conditions of sale is hereby attached and marked Doc. 'GE7'.

That the applicant has been in a state of co-ownership with other owners for more than ten years.

That the applicant has tried to make contact with the other two co-owners which both have the share of one-fourteenth each, but the applicant could not trace the same co-owners. This fact is also confirmed by the oath of the same applicant in the affidavit hereby attached;

Thus the applicant humbly asks that this Honourable Court;

1. Ddeclares that there are sufficient reasons in order that an order for the sale of the same property and this in terms of Article 495A of Chapter 16 of the Laws of Malta;

2. To order the sale of the property de quo under the same conditions listed in the Final Draft hereby attached (Doc. 'GE7') , including the price.

3. To fix a date, time and place for this sale;

4. To authorize Notary Roland Wadge to publish the Final deed or in default another Public Notary appointed by this Honourable Court;

5. Appoint the applicant as Curator for the two remaining co-owners or alternatively to appoint another Curator for the same co-owners;

6. To order or authorize the same Curator to appears in the name of the other co-owners on the Final deed of Sale.

and this under any other provision that this Honourable Court deems fit.

Notify: Applicant: Gino Ellul
77 , Cospicua Road, Paola.

Notify: Deputy Curators, (Absent Carmela Cassar), Dr. Anthony Cutajar, LL.D., Courts of Justice, Valletta, and Legal Procurator Hilda Ellul Mercer, Courts of Justice, Valletta.

Notifika: Kuraturi Deputati, (Eredi tal-mejjet John Cassar); Dr. Renzo Porsella Flores, il-Qorti, Valletta u Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer, il-Qorti, Valletta.

Ir-Rikors Numru 990/2005 FS, fl-ismijiet Ellul Gino vs Cutajar Avv. Anthony et noe, ġie differit għas-27 ta' Ġunju 2006, fl-10.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Ġunju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notify : Deputy Curators, (Heirs of the late John Cassar); Dr. Renzo Porsella Flores, LL.D., Courts of Justice, Valletta and Legal Procurator Hilda Ellul Mercer, Courts of Justice, Valletta.

The Application Number 990/2005 FS, in the names Ellul Gino vs Cutajar Dr. Anthony et noe, was put off to the 27th June 2006, at 10.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 2nd June 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

968

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Settembru 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 3220/05, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) vs Farrugia Christopher (ID 616562M) u Farrugia Jayne (ID 3962A) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, illum 13 ta' Lulju 2005

Lil: Farrugia Christopher (ID 616562M) u Farrugia Jayne (ID 3962A)
Noel 19
St. Anthony Street, Marsaskala.

(Notifika kull wieħed).

Permezz tal-preżenti s-soċjetà HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) ta' 116, Archbishop Street, Valletta tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn intom thallsu s-somom ta':

1. Disa' mija u wieħed u disgħin Lira Maltin u tnejn u tmenin ċenteżmu (Lm991.82), oltre l-imgħaxijiet sad-data tal-preżenti u oltre l-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv minnkom dovuti fuq kont bin-numru 056-010275-340.

2. Elf seba' mija u sitta u disgħin Lira Maltin u tnejn u ħamsin ċenteżmu (Lm1,796.52) oltre l-imgħaxijiet sad-data tal-preżenti u oltre l-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv minnkom dovuti fuq kont bin-numru 056-010275-341.

3. Elfejn tliet mija u tlieta u tletin Lira Maltin u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm2,333.44) oltre l-imgħaxijiet sad-data tal-preżenti u oltre l-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv minnkom dovuti fuq kont bin-numru 056-010275-342.

4. Tmienja u għoxrin elf u tlieta u għoxrin Lira Maltin u sittax-il ċenteżmu (Lm28,023.16) oltre l-imgħaxijiet sad-data tal-preżenti u oltre l-imghaxijiet sad-data tal-pagamant effettiv minnkom dovuti fuq kont bin-numru 056-074115-340.

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 16th September 2005, in the records of the judicial letter number 3220/05, in the names HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) vs Farrugia Christopher (ID 616562M) and Farrugia Jayne (ID 3962A) ordered the following publication for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court, today 13th July 2005

To: Farrugia Christopher (ID 616562M0 and Farrugia Jayne (ID 3962A)
Noel 19
St. Anthony Street, Marsaskala.

(Separate Service).

By the present the company HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) of 116 Archbishop Street, Valletta calls upon you so that within two days you pay the sums of:

1. Nine hundred and ninety one Maltese Liri and eighty two cents (Lm991.82), besides interests till the date of the present besides interest till the date of the effective payment due by you on account number 056-010275-340.

2. One thousand seven hundred and ninety six Maltese liri and fifty two cents (Lm1,796.52) besides interest till the date of the present and besides interest till the date of the effective payment due by you on account number 056-010275-341.

3. Two thousand three hundred and thirty three Maltese Liri and forty four cents (Lm2,333.44) besides interest till the date of the present and besides interest till the date of effective payment due by you on account number 056-010275 -342.

4. Twenty eight thousand and twenty three Maltese liri and sixteen cents (Lm28,023.16) besides interest till the date of the present and interests till the date of the effective payment due by you on account number 056-074115-340.

5. Erbgħa u erbgħin elf u sitt Liri Maltin u ħamsa u erbgħin Ċenteżmu (Lm44,006.45) oltre l-imgħaxijiet sad-data tal-preżenti u oltre l-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv minnkom dovuti fuq ' Loan Account' bin-numru 056-074115-341.

6. Tmint elef tliet mija u sitt Liri Maltin u tnejn u ħamsin ċenteżmu (Lm8,306.52) olte l-imgħaxijiet sad-data tal-preżenti u oltre l-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv minnkom dovuti fuq kont bin-numru 056-074115-342.

7. Sitta u sittin elf seba' mija u ħdax-il Lira Maltin u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm66,711.54), oltre l-imgħaxijiet sad-data tal-preżenti u oltre l-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv minnkom dovuti fuq kont bin-numru 056-074115-300.

8. Sabiex jiġu evitati spejjeż inutili tal-Qorti, jekk il-ħlas tad-dejn fiż-żmien hawn fuq indikat ma huwiex possibbli u teħtieġu żmien itwal għall-ħlas b'rati mensili intom tistgħu tammettu d-dejn tagħkom mal-Bank permezz ta' att notarili. F'dan il-każ intom mitluba illi fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data ta' din l-ittra tavżaw lill-Bank u tqabbdu Nutar.

Fin-nuqqas jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tagħkom minghajr ebda pre-avvviż ieħor.

Din l-ittra sservi biex tinterrompi l-preskrizzjoni u għalhekk hija rikjesta mil-liġi ai termini ta' l-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qorti Superjuri illum 2 ta' Ġunju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

5. Forty four thousand and six Maltese Liri and forty five cents (Lm44,006.45) besides interest till the date of the present and besides interest till the date of effective payment due by you on 'Loan Account ' with number 056-074115-341.

6. Eight thousand three hundred and six Maltese Liri and fifty two cents (Lm8,306.52) besides interest till the present date and besides interest till the date of effective payment due by you on account number 056-074115-342.

7. Sixty six thousand seven hundred and eleven Maltese Liri and fifty four cents (Lm66,711.54) besides interest till the date of the present and besides interest till the date of the effective payment due by you on account number 056-074115-300.

8. In order to avoid useless Court expenses, if the payment of the debt within the time above indicated is not possible and you require longer time for payment by monthly instalments you can admit your debt with the Bank by means of a notarial deed. In this case you are asked so that within fifteen days from the date of this letter you inform the Bank and appoint a Notary.

Failing which further action will be taken against you without any other prior notice.

This letter serves to interrupt prescription and is thus required by law in terms of Article 2128 of the Civil Code (Chapter 16 of the Laws of Malta).

So much so that you may know how to proceed.

With costs.

Registry of the Superior Court today 2nd June 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

969

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrent Peter Antonius Marius Van Der Meer (Passaport Numru: NF2036192) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 185/06 NC) fejn talab il-KORREZZJONI TA' L-ATT TAT-TWELID numru 407/2006 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppeżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Peter Antonius Marius Van Der Meer (Passport Number: NF2036192) filed an application under oath (No. 185/06 NC) demanding CORRECTIONS in the ACT OF BIRTH number 407/2006 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such

in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 1 ta' Ġunju, 2006.

CORA AZZOPARDI
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court, this 1st of June, 2006.

CORA AZZOPARDI
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

970

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Diċembru 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 4761/2005, fl-ismijiet Direttur ta' l-Artijiet vs Emanuel Spiteri et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat Dominic Spiteri, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar l-Artijiet, illum 10 ta' Novembru 2005

Lil: Emanuel Spiteri
Dominic Spiteri
Irene Gatt
Josephine Diacono
Evelyn Chircop
Carmelo Gatt

Bil-preżenti att ġudizzjarju illi qiegħed jintbagħat għall-finijiet u l-effetti ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għl Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta), id-Direttur ta' l-Artijiet jirreferikom għall-Avviż tal-Gvern Numru 255, ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-għaxra (10) ta' Marzu 2005, għax-xiri assolut bħala liberu u frank tal-fond numru 38, Triq San Mark, Bormla, għal-liema fond l-awtorità kompetenti qiegħda toffrilkom il-kumpens ta' elf u ħames mitt Lira Maltin (Lm1,500) skond l-istima li hemm imsemmija fl-istess Avviż numru 225, liema stima saret mill-Perit Arkitett Carmen V. Sutton, A & CE.

Id-Direttur ta' l-Artijiet qiegħed jinfurmakom ukoll illi abbażi tal-parir legali ta' l-Avukat Peter Caruana Galizia, huwa soddisfatt illi intkom kellkom titolu illi jagħtikom dritt illi tirċievu l-kumpens fuq imsemmi.

Illi għaldaqstant id-Direttur ta' l-Artijiet qiegħed javżakom illi

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 30th December 2005, in the records of the judicial letter number 4761/2005 in the names Director of Lands vs Emanuel Spiteri et ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Dominic Spiteri, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the Land Arbitration Board, today 10th November 2005

To: Emanuel Spiteri
Dominic Spiteri
Irene Gatt
Josephine Diacono
Evelyn Chircop
Carmelo Gatt

By the present judicial act which is being sent for all intents and purposes of Article 22 of the Land Acquisition for Public Purposes Ordinance (Chapter 88 of the Laws of Malta), the Director of Lands refers you to Government Notice Number 255, published in the Government Gazette of the tenth (10) of March 2005, for the absolute purchase as free and unencumbered of the premises number 38, Saint Mark Street, Cospicua, for which premises the competent authority is offering the compensation of one thousand five hundred Maltese Liri (Lm1,500) according to a valuation which is mentioned in the same Notice number 225 which valuation was made by Architect and Civil Engineer Carmen V. Sutton, A.&CE.

The Director of Lands is informing you that on the basis of the legal advice of Advocate Peter Caruana Galizia, he is satisfied that you had a title which gives you the right to receive the compensation above mentioned.

That thus the Director of Lands is notifying you that you

intkom għandkom wieħed u għoxrin (21) ġurnata min-notifika ta' dan l-att ġudizzjarju sabiex, jekk hekk jidhrilkom tikkontestaw l-ammont ta' kumpens offrut fl-imsemmi Avviż numru 255.

Fil-każ li tiddeċiedu li tikkontestaw il-kumpens, il-kontestazzjoni għandha issir permezz ta' rikors li għandu jiġi ppreżentat minnkom fir-Reġistru tal-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar l-Artijiet, li fih tindikaw l-ammont illi qegħdin tippretendu bħala kumpens għall-fond fuq imsemmi u dan skond ma huwa meħtieġ bl-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta).

Fin-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tagħkhom għall-kumpens offrut kif fuq imfisser il-kumpens offrut jitqies li qiegħed jiġi aċċettat minnkom bħala il-valur ġust tal-fond esproprijat għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.

Mittenti: Auberge de Baviere, il-Belt, Valletta.

Intimati: …Omissis…
Dominic Spiteri Blokk 8, Flat 5, Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa, il-Birgu.

…Omissis…

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Ġunju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

have twenty one (21) days from the service of this judicial act, so that if you so think you contest the amount of compensation offered in the said Notice number 255.

In case you decide to contest the compensation, the contestation is to be made by means of an application which is to be filed by you in the Registry of the Land Arbitration Board, whereby you indicate the amount you are expecting as compensation for the premises above mentioned and this according to that required by Article 22 of the Land Acquistion for Public Purposes Ordinance (Chapter 88 of the Laws of Malta).

Failing contestation on your part for the compensation offered as above explained, the compensation offered shall be considered to have been accepted by you as the just value for the premises expropriated for all intents and purposes of law.

Interpellant: Auberge de Baviere, Valletta.

Respondents: ….Omissis…
Dominic Spiteri Block 8, Flat 5, Parish Centenary Street, Birgu.

…Omissis…

Registry of the Superior Courts today 2nd June 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

971

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Mejju 2006, in segwitu għar-Rikors Numru 339/2006, ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-inventarju ta' l-assi ta' Salvatore Cauchi, pensjonant, bin il-mejtin Gabriele u Maria Assunta née Zammit imwieled il-Ħamrun u miet Ħal Luqa, fil-25 ta' Settembru 2003, ta' 81 sena u li kellu karta ta' l-identità numru 591522(M).

Din il-pubblikazzjoni għanha ssir nhar il-Ħamis 6 ta' Lulju 2006, fl-10.30 a.m., fl-Uffiċċju numru 97, Triq il-Wied, Birkirkara, b'att tan-Nutar Dottor Marthese Felice.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 5 ta' Ġunju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u TribunalI

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntarey Jurisdiction Section) by means of a decree given on the 26th May 2006, following an Application Number 339/2006, ordered the publication of the inventory of the assets of Salvatore Cauchi, pensioner, son of the late Gabriele and Maria Assunta née Zammit born in Ħamrun and died in Luqa, on the 25th September 2003, aged 81, and who had identity card number 591522(M).

This publication shall be held on Thursday 6th July 2006, at 10.30 a.m., at the office number 97, Valley Road, Birkirkara, by deed of Notary Dr Marthese Felice.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 5th June 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

972

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Mejju 2006, in segwitu għar-rikors ta' Charles Zammit, rikors numru 305/2006, Nadia Busuttil, legalment separata minn ma' Raymond Busuttil, bint Paul Zammit u Hilda née Borda, imwielda, Tas-Sliema u residenti l-Imsida, ta' 51 sena, bil-karta ta' l-identità numru 519154(M) ġiet inabilitata.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 5 ta' Ġunju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section) by means of a decree given on the 30th May 2006, following an application of Charles Zammit, application number 305/2006, Nadia Busuttil, legally separated from Raymond Busuttil, daughter of Paul Zammit and Hilda née Borda, born in Sliema and residing in Msida, aged 51, having identity card number 519154(M) was incapacitated.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 5th June 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

973

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Ġunju 2006 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. – C22334 ta' Spencer Hill, Marsa ppreżentaw talba fis-27 ta' April 2006 fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil

1. Geres Health & Fitness Limited (C21885) ta' Dean Hamlet Aparthotel, Upper Ross Street, San Ġiljan;

2. Mariella Geres sive St John (ID360168M) ta' "Pinnacle", Triq il-Mediterran, San Giljan u;

3. Richard Geres (ID19740A) ta' Islington, Flat 1, Triq Mensija, San Ġwann

sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elfejn erba' mija u disgħa u ħamsin lira Maltija u sitta u tmenin ċenteżmu (Lm2,459.86) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Nru 120/06MM) hija differita għat-12 ta' Ġunju 2006 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 5 ta' Ġunju 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 1st June 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. – C 22334 of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 27th April 2006, whereby they asked the Court to condemn

1. Geres Health & Fitness Limited (C21885) of Dean Hamlet Aprthotel, Upper Ross Street, St Julians;

2. Mariella Geres sive St John (ID 360168M) of "Pinnacle", Triq il-Mediterran, St Julians; and

3. Richard Geres (ID19740A) of Islington, Flat 1, Triq Mensija, St Julians

to pay the plaintiff company the sum of two thousand four hundred and fifty nine Maltese liri and eighty six cents (Lm2,459.86) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Notice Number 120/06MM) is put off to the 12th June 2006 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 5th June 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

974

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tat-28 ta' Ġunju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fil-11 ta' Mejju 2005 fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Feyja Company Ltd (C31623) ta' Magna Mater, 83, Tarxien Road, Ħal Luqa u Joseph Schembri (ID492665M) ta' 105, Flat 2, Nuzzo Street, Ħamrun għal kull interess li jista' jkollu sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' seba' mija u tlieta u disgħin lira Maltija u tmienja u sebgħin ċenteżmu (Lm793.78) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (1042/05PM) hija differita għall-15 ta' Ġunju 2006 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 5 ta' Ġunju 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 28th June 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 11th May 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Freyja Company Ltd (C31623) of Magna Mater, 83, Tarxien Road, Luqa and Joseph Schembri (ID492665M) of 105, Flat 2, Nuzzo Street, Ħamrun for any interest he may have to pay the plaintiff company the sum of seven hundred and ninty three Maltese liri and seventy eight cents (Lm793.78) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 1042/05PM) is put off on the 15th June 2006 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 5th June 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

975

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Frar 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 382/04 NC, fl-ismijiet Psaila Sandro vs Dimech Sabrina et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut Anwar Hamida, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Sandro Psaila ppreżenta Ċitazzjoni fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 ta' Novembru 2004, kontra Sabrina Dimech, Anwar Hamida, Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u l-istess Sabrina Dimech, li b'digriet tat-22 ta' Novembru 2004, ġiet appuntata bħala kuratriċi ad litem biex tirrappreżenta, l-interessi tal-minuri bint (omissis), fejn talbu l-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara li għall-finijiet u effetti tal-Liġi, l-attur Sandro Psaila huwa l-missier naturali tat-tarbija, okkorendo bin-

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 21st February 2006, in the records of the Writ of Summons Number 382/04 NC, in the names Psaila Sandro vs Dimech Sabrina et, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant Anwar Hamida, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Sandro Psaila filed a Writ of Summons in the Civil Court (Family Section) on the 8th November 2004, against Sabrina Dimech, Anwar Hamida, Director of Public Registry and the same Sabrina Dimech, who by decree of the 22nd November 2004, was appointed as curator ad litem to represent the interests of the minor daughter (omissis), wherein they asked the defendant to state why this Honourable Court should not;

1. Declare that for all intents and purposes of Law, the plaintiff Sandro Psaila is the natural father of the child, if

nomina ta' esperti mediċi biex isiru t-testijiet tad-demm u tad-DNA;

2. Tordna l-konvenut Reġistratur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jemenda l-att ta' twelid li jġib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 2833 tas-sena 2004, tal-minuri billi fit-tieni kolonna tissostitwixxi isem missier it-tarbija cioé Anwar Hamida bl-isem Sandro Psaila, fit-tielet kolonna tissotitwixxi l-I.D. numru "ċ" bin-numru tal-Karta ta' l-I.D. Card numru ta' l-attur u cioe' 455172(M) , fir-raba colonna tissostiwixxi l-età ta' disgħa u ghoxrin sena bl-età ta' l-attur u cioè tnejn u tletin sena, il-ħames kolonna tissostitwixxi l-post tat-twelid cioé Khan. S, Syria bil-post tat-twelid ta' l-attur u cioè Pietà, Malta, fis-sitt kolonna tissostiwixxi l-lokal ta' residenza cioè Malta, bil-kliem Valletta, Malta u fis-seba' kolonna tissostitwixxi isem u kunjom il-missier cioé Kamal Hamida (Not known whether living or dead) bil-kliem unknown.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma gja inġunti in subizzjoni.

Konvenuti 1. .....Omissis.....

2. Anwar Hamida
Dielfiles Flats, Flat 6,
Għabix Street,
San Pawl il-Baħar.

Permezz ta' Avviż għas-Smigh ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, il-Ħamis 20 ta' Jannar 2005, il-kawża Ċitazzjoni Numru 382/2004 RCP, fl-ismijiet Psaila Sandro vs Dimech Sabrina et ġiet imqiegħda fil-lista tal-kawżi li għandhom jinstemgħu nhar il-Ħamis 28 ta' April 2005, fid-9.00 a.m.

B'ordni ta' l-istess Qorti l-kawża hawn fuq imsemmija ġiet sussegwentement differita u issa tinsab differita għall-5 ta' Ottubru 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (\Sezzjoni tal-Familja) illum 5 ta' Ġunju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

necessary by the appointment of medical experts to carry out the blood and DNA tests;

2. To order the defendant of Public Registry to amend the act of birth which bears the progressive registration number 2833 of the year 2004 of the minor by substituting in the second column the name of the child's father that is Anwar Hamida with the name Sandro Psaila, in the third column substitute the I.D. number "ċ" with the I.D. Card number of the plaintiff and that is 455172(M), in the fourth column substitute the age of twenty nine years, with the age of the plaintiff and that is thirty two years, the fifth column substitute the place of birth that is Khan S, Syria with the place of birth of the plaintiff, and that is Pietà, Malta, in the sixth Column substitute the place of residence that is Malta, with the words Valletta, Malta and in the seventh column substitute the name and surname of the father that is Kamal Hamida (Not known whether living or dead) with the words unknown.

With costs against the defendants who are summoned so that a reference to their evidence be known.

Defendants 1. .....Omissis.....

2. Anwar Hamida
Dielfiles Flats, Flat 6,
Għabix Street,
St. Paul's Bay.

By means of a Notice of Hearing of a cause issued by the Registry Superior Courts on Thursday 20th January 2005, the cause Writ of Summons Number 382/2004 RCP, in the names Psaila Sandro vs Dimech Sabrina et was put in the list of causes which are to be heard on Thursday 28th April 2005 at 9.00 a.m.

By order of the same Court the cause above mentioned was subsequently put off and is now put off to the 5th October 2006, at 9.00 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 5th June 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*